**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 15 ta' Gunju**,** 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**
**-vs-**
**Alexander Anthony Gialanze Whiteford, detentur tal-Karta tal-identita` numru 0044501(L)**

*Kumpilazzjoni Nru. 97/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Alexander Anthony Gialanze Whiteford** u ċioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer u ċjoè nhar il-21 ta' Ġunju 2020 ġewwa l-Mosta:

1. Għamel lil ommu Carmela Whiteford inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali, jew jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ il barra mil-limiti ta'provokazzjoni.
2. U iktar talli fix-xahar ta' Ġunju 2020 u fil-ġimgħat ta'qabel bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ommu Carmela Whiteford tibża li ser tintuża vjolenza kontriha, jew kkontra l-axxendenti/dixxendenti tagħha jew familjari oħra.
3. U wkoll talli fl-istess ċirkustanzi ħebb mingħajr ma darab għal ommu Carmela Whiteford.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta ta' Carmela Whiteford jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b' obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta'somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat li l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet li huma ta' natura kontravvenzjonali, kienu gew preskritti anke qabel ma nhargu l-imputazzjonijiet odjerni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab imputat bih l-imputat, tal-ammissjoni bikrija minn tieghu w tac-cirostanzi kollha tal-kaz u senjatament id-dulur li omm spiccat mcahhda minn darha minhabba l-ghemil ta' stmerija tal-imputat.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel w it-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 251B u 251HA tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' **sentejn prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erba snin millum.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Carmela Whiteford ghal zmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**